iċċapċap b'ringrazzjament għall-Madonna.

**NOTA:** Għal min ma jafx, is-Sinjura Marija għandha fidi kbira fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Hi tattendi għal-laqgħat ta' talb, il-Girgenti, kull meta tkun tista'.

## FTAKRU!...

IT-TESSERATI għandhom sehem mit-talb kollu ta' sħabhom, membri tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, kif ukoll mit-talb kollu ta' Ġuża Mifsud li titlob għal kulħadd.

Jekk għad m'intix Tesserat itlob formola ta' Applikazzjoni għal tessera, waqt il-laqgħa li ssir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar, il-Girgenti, mingħand is-Segretarja, jew l-Editur ta' dan il-Fuljett. Imla l-formola u ibgħatha fl-indirizz ta' fuq il-formola.

***N.B.* Il-Laqgħa ta' JANNAR 1994 se ssir fit-tieni Ħadd ta' Jannar u mhux fl-ewwel wieħed. Il-ħin ikun fit-3 ta' wara nofsinhar.**

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 17 JANNAR 1994 JITQASSAM BLA ĦLAS

## *1994 MERĦBA LIS-SENA L-ĠDIDA*

*Xewqat mill-isbaħ ta' Ħena, Sliema u Qdusija lit-Tesserati kollha tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lill-Qarrejja kollha ta' dan il-fuljett.*

## *AWGURI SPEĊJALI LIL ĠUŻA MIFSUD*

*F'Jum Għeluq sninha fis-27 ta' Jannar 1994. Il-Kumitat jixtieqilha ħajja twila ta' qdusija u ta' ħidma spiritwali biex twettaq il-pjan tal-Mulej li l-Madonna qed twasslilha.*

# IL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI (2)

Fil-Fuljett ta' Ottubru, 1993, No. 16, jiena semmejt il-ktieb ta' Maria Valtorta, fejn tgħidilna kif il-Madonna kienet ikkonsagrata 'l Alla minn ommha Sant Anna, meta kienet għadha tarbija, waqt ċerimonja fit-Tempju. Ghedna li dan jikkonferma x'qaltilna Ġuża ta' kif Marija Santissima riedet tissejjaħ "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni" minħabba din il-Konsagrazzjoni li baqgħet moħbija u mhux magħrufa tul dawn l-elfejn sena.

Issa se nsemmi xena mill-istess ktieb li turi li l-Madonna kienet ikkonsagrat il-Verġinità tagħha lil Alla sa minn meta kienet għadha żgħira ħafna.

Il-fatt li l-Madonna riedet tkun il-qaddejja ta' omm il-Messija u li riedet tibqa' Verġni ilu magħruf sew minn kulħadd. Skond il-Liġi tal-Lhud, ix-xebbiet imnisslin minn David kellhom jiżżewġu ma' raġel ta' l-istess nisel għax il-Messija kellu jissejjaħ Bin David.

Marija kienet ilha tgħix fit-Tempju sa minn meta kellha tliet snin. Dan li ġej hu meħud minn rakkont ta' viżjoni li kellha Marija Valtorta ta' x'ġara fit-Tempju meta Marija kellha 15-il sena. Minħabba ċ-ċokon ta' dan il-fuljett ma stajtx nagħti d-dettalji kollha li tagħti Valtorta u li juru l-kobor tal-qdusija ta' Ommna Marija.

RAKKONT – Marija għadha fit-Tempju. Aktarx li kienhemm xi ċerimonja għax kienet tinxtamm riħa ta' nċens. Marija ħarġet ma' sħabha, ix-xebbiet l-oħra, ġo bitha li kienet tagħti għal bitħa oħra iżgħar u li minnha t-tfajliet kienu jinfirdu biex imorru għaċ-ċella tagħhom. Kif Marija sellmet lil sħabha u kienet fi triqtha lejn kamartha, laħqitha l-mara li kienet tieħu ħsieb il-qaddejja tat-Tempju u qaltilha li l-Qassis il-Kbir xtaq ikellimha.

F'sala kbira kienhemm il-Qassis il-Kbir, ma' Żakkarija u Anna ta' Phanuel. Kif waslet fid-daħla tas-sala, Marija baxxiet rasha u sellmet lill-Qassis il-





Il-Ġimgħa, 5

Kbir. Dan stedinha tersaq lejh u qalilha biex ma tibżax. Għamlilha diskors twil li kien juri li kien jaf bil-ħajja qaddisa li Hi kienet tgħix fit-Tempju u li issa kienet kibret u li kien jeħtieġ li timxi mal-Liġi li trid li kull xebba mnissla minn David tiżżewweġ ma' raġel ta' l-istess razza biex tkun tista' toffri 'l binha lill-Mulej.

Il-Qassis il-Kbir staqsieha: "Taf lil xi raġel tar-razza tiegħek li jista' jkun l-għarus tiegħek?"

Marija b'leħen itemtem wieġbet: "Lil ħadd!"

Żakkarija qabeż jispjega: "Ma tista' taf 'il ħadd għax daħlet hawn meta kienet għadha żgħira ħafna."

"Mela, allura, inħallu l-għażla f'idejn Alla", wieġeb il-Qassis il-Kbir.

Hawn Marija ma setgħetx iżżomm id-dmugħ li ġelben fuq ħaddejha waqt li hi tat ħarsa ta' ħniena lejn



**ta' Mejju 1993.**

Anna.

"Marija tat ruħha lill-Mulej għall-glorja tiegħu u għall-fidwa ta' Iżrael", spjegat Anna. "Kienet għadha bilkemm tista' titkellem meta diġà kienet intrabtet b'wegħda..."

"Mela għalhekk dan id-dmugħ?... Mhux biex tirreżisti għal-Liġi?..." staqsieha l-Qassis il-Kbir.

"Għalhekk," qaltlu Marija. "Jien nobdik, Qassis t'Alla!"

"Dan jikkonferma dak li qaluli fuqek," stqarr il-Qassis il-Kbir. "Kemm ilek li wegħedt 'l Alla l-verġinità tiegħek?"

"Minn dejjem, jidhirli jien! Kont għadni ma ġejtx fit-Tempju u diġà kont tajt ruħi 'l Alla."

"M'intix dik iċ-ċkejkna li, ilu tnax-il sena, kont ġejt titlobni biex tidħol fit-Tempju?"



"Iva, jien," wieġbet Marija.

"Allura kif tista' tgħid, li, dak il-ħin, kont diġà tal-Mulej?"

Hawn Marija rrakkuntat fit-tul dak li kienet tiftakar taż-żmien meta kienet żgħira ħafna. Ftakret f'ommha u missierha li kienet tant tħobb waqt li hajjin, fil-ġnien bil-fjuri u l-ilma safi tal-għajn, bl-għasafar u l-ħamiem, is-sliem u l-paċi li kien hemm. Imma l-aktar tiftakar dak il-għar fejn kienet tisma' l-leħen, aktar ħelu mill-kant tal-ilma u tal-għasafar, jgħidilha: "Ejja, maħbuba tiegħi!" U għal sejħiet oħra bħal din, mill-Mulej, Marija kienet twieġeb "Arani ġejja! Jien tiegħek; u ħadd ma jkun sid ġismi, ħliefek, Mulej, għax l-ispirtu tiegħi m'għandu l-ebda mħabba oħra!"

U Marija ssoktat tgħid: "Meta dan kien, jien ma nafx. Naħseb li kien barra mill-ħajja t'issa; għax kont inħoss li minn dejjem Hu kien tiegħi u li jien kont Tiegħu minn dejjem. Jien neżisti għax Hu stess riedni għall-ferħ tal-Ispirtu Tiegħu u tiegħi..."

Din ix-xena spiċċat billi Marija wegħdet li tobdi u ssib għarus li jaċċetta l-wegħda tal-verġinità tagħha lil Alla.

Ma ninsewx li Marija, għax kienet Immakulata u Magħżula biex tkun omm il-Messija, kellha intelliġenza perfetta. Kienet DEJJEM "Mimlija bil-Grazja", tul ħajjitha kollha, anke sa mill-konċepiment tagħha u mhux biss meta dehrilha l-Anġlu u sellmilha b'dak il-kliem. It-Trinità Mqaddsa kienet tgħammar fiha f'għaqda ta' mħabba li qatt ma nistgħu nifhmu kemm kienet kbira. Marija kienet tista' tifhem l-Iskrittura ħafna aħjar minn kulħadd. Imma għalkemm kienet taf li l-Messija kien wasal biex jit-wieled, Hi ma kinetx taf li Hi kienet il-MAGĦŻULA tal-Mulej biex tkun omm il-Messija.

Meta nitolbu lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, niftakru wkoll f'dan kollu u fil-kobor t'Ommna Marija Santissima.

**L-Editur.**

# GRAZZJI MAQLUGĦA

Għal-laqgħa ta' Novembru, attendiet folla akbar mis-soltu, li mliet il-bankijiet kollha, minbarra li numru ta' devoti ġabu siġġu magħhom u oħrajn kellhom jibqgħu bilwieqfa. Waqt id-diskors tagħha, Ġuża ħeġġitna biex nitolbu aktar u biex ikollna fidi sħiħa f'Alla u fil-Madonna.

"Mingħajr Fidi, m'aħna xejn," insistiet Ġuża.

Qabel ma spiċċat id-diskors tagħha, hi stiednet lil Charlie Attard, li hu l-Viċi-President tal-Kumitat tagħna, u lis-Sinjura Marija, il-mara tal-President Ċensu Tabone, biex jaqsmu magħna l-esperjenza tagħhom tal-grazzji li qalgħu dan l-aħħar.

## MR. CHARLES ATTARD

Charlie qalilna li xi ġimgħat ilu, kien il-Ħadd, mar jistad bil-lanċa tiegħu, flimkien ma' ibnu ta' xi tletin sena u ħabib tiegħu professur tal-Psikoloġija fl-Università ta' Malta. Telqu kmieni għal xis-sebgħa ta' filgħodu. Qabel ma telqu, Charlie ċċekkja l-magna u aċċerta ruħu li kienet qed taħdem sew.

Ħarġu 'l barra ħafna, tant li lanqas ma setgħu jilmħu Għawdex. F'ħin minnhom, it-tifel qal lil missieru biex jagħti daqqa t'għajn lill-magna. Charlie qallu li kien iċċekkjaha qabel ma telqu. Għaddiet xi nofs siegħa u t-tfiel reġa' wissa 'l missieru biex jara l-magna. Imma Charlie baqa' jistad u ma dehrlux li kien hemm għalfejn jara l-magna. Għat-tielet darba t-tifel talab lil missieru biex jagħti każ tal-magna, imma dan ma għamel xejn.

Għal xi s-siegħa ta' wara nofsinhar, ċempel it-telecell u t-tifel qabad it-telefon, peress li kien ma' ġenbu. Instema' leħen ta' mara fuq it-telefon, imma meta t-tifel staqsa min kien, ma kellu l-ebda tweġiba. Allura beda jgħid: "Hallo!... Hallo!" imma kien għalxejn.

Charlie staqsa 'l ibnu min kien li ċempel. It-tifel qallu li kien leħen ta' mara imma ma kien ħadd tal-familja. Charlie basar li kienet Ġuża. F'daqqa waħda ftakar fil-magna u niżel biex jiċċekkjaha. X'kien l-għaġeb tiegħu meta sab il-magna tgħum nofsha fl-ilma!... Qabad barmil u beda jiżvojta l-ilma; imma ma setax ilaħħaq miegħu. Sħabu marru jgħinuh. Għal ftit ieħor l-ilma kien jilħaq it-terminals tal-batterija. Dan seħħ meta kienu xi 45 mil 'il barra mill-gżejjer tagħna.

Waslu Malta, it-Tnejn wara nofsinhar. Charlie mar lura Għawdex, tella' l-lanċa fis-slip-way biex jara xi ħsara kellha. Dan kien għal xi s-sebgħa. Reġa' ċempel it-telecell. Kienet Ġuża li ċemplet. Charlie talabha jekk kellhiex bżonn xi ħaġa u hi qaltlu "Xejn." Qalilha: "Il-bieraħ għal xi s-1 p.m. int ċempiltli?" Qaltlu: "Iva." "Kellek bżonn xi ħaġa?" staqsieha Charlie. "Xejn," qaltlu Ġuża. U din baqgħet ma tagħtu l-ebda spjegazzjoni. Imma wieħed malajr jista' jifhem kif il-Madonna nqdiet b'Ġuża biex issalva lil Charlie u sħabu minn periklu fatali.

Charlie spiċċa r-rakkont tiegħu billi qalilna: "Din kienet l-akbar grazzja li qlajt mill-Madonna." Kien hemm ċapċip li jtarrax mill-folla preżenti.

## IS-SINJURA MARIJA TABONE

Wara li tkellem Charlie Attard, telgħet is-Sinjura Marija ħdejn Ġuża u qaltilna x'kien ġara xi tliet ġimgħat qabel.

It-tifla l-kbira ta' Marija kellha tumur f'rasha u kienet se tmur l-Ingilterra għal operazzjoni delikata ħafna.

Marija marret għand Ġuża u qaltilha meta l-operazzjoni kellha ssir u rrakkomandatilha lil bintha għat-talb tagħha. Ġuża wegħditha li kienet se titlob ħafna għat-tifla.

L-operazzjoni tant irnexxiet li t-tifla ma kellha bżonn l-ebda kura li soltu tkun meħtieġa wara operazzjoni ta' din ix-xorta.

Is-Sinjura Marija marret għand Ġuża biex flimkien jirringrazzjaw lill-Madonna għal din il-grazzja. Ġuża wegħditha li kienet sejra tgħid it-Tedew biex tiżżi ħajr lil Alla u lill-Madonna.

Meta Marija spiċċat titkellem, il-folla nfexxet